MALTA

**QORTI ĊIVILI**

**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**

**GRAZIO MERCIECA LL.D.**

Digriet Kamerali tas-6 ta' Frar 2019

Mandat ta' Inibizzjoni Numru 2058/2018GM

Joseph Lia (K.I.791247M)

vs

Anthony Galdes (K.I.460965M)

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ippreżentat fl-20 ta' Diċembru 2018 minn Joseph Lia (minn issa 'l quddiem imsejjħa "ir-rikorrenti"), li permezz tiegħu talab il-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni kontra Anthony Galdes (minn issa 'l quddiem imsejjah "l-intimat") biex jinżamm milli jbiegħ, ineħħi, jittrasferixxi jew jiddisponi *inter vivos* sew b'titolu oneruż jew gratwitu xi propjeta' u b'mod partikolari:

(a) It-tromba tat-taraġ mingħajr numru iżda jismu "Anthony House" fi Triq Luigi Bongailas, kantuniera ma' Triq il-President tar-Repubblika, Ħaż-Żabbar u l-arja kontingwa soprastanti tlett garaxxijiet propjeta' ta' Paul u Lorenza konjuġi Farruġia jew l-aventi kawża tagħhom, liema blokk fl-intier tiegħu huwa mibni fuq il-plot numru tlettax (13) formanti parti mill-għalqa magħrufa bħala "Tal-Maġi" sive "Tal-Ħurrieq" liema għalqa fl-intier tagħha għandha kejl ta' ċirka mitejn tmienja u erbgħin (248) metri kwadri minn liema mija u erba' (104) metri kwadri huma mibnija u l-bqija huwa t-triq, konfinati din it-tromba u l-arja kontigwa mill-Lbiċ minn Triq il-President tar-Repubblika, mill-Majjistral minn Triq Luigi Bongailas u mix-Xlokk minn propjeta ta' Francis Catania, libera u franka, bid-drittijiet u pertinenzi kollha;

(b) Il-garaxx mingħajr numru u mingħajr isem fi Triq il-President tar-Repubblika, Żabbar, inkluż l-arja ta' taħt it-tromba tat-taraġ suċitata, liema garaxx huwa sottostanti parti mill-arja suċitata u huwa mibni fuq plot numru tlettax (13) formanti parti mill-għalqa magħrufa bħala "Tal-Maġi" sive "Tal-Ħurrieq" liema għalqa fl-intier tagħha għandna kejl ta' ċirka mitejn u erbgħin (248) metri kwadri minn liema mija u erbgħa (104) metri kwadri huma mibnija u l-bqija huma it-triq, konfinati mil-Lbiċ minn Triq il-President tar-Repubblika, mill-Majjistral mit-tromba tat-taraġ suċitata u mix-Xlokk minn propjeta ta' Paul u Lorenza konjuġi Farruġia jew l-aventi kawża tagħhom, libera u franka, bid-drittijiet u pertinenzi kollha; u

(c) In-nona parti indiviża ta' nofs indiviż tal-garaxx bl-arja tiegħu u l-ġnien retroposta u adjaċenti tiegħu, bl-isem "Saint George's Garage", numru tnejn u tletin (32) fi Triq San George, Żebbuġ, libera u franka, bid-drittijiet u pertinenzi kollha.

Rat id-digriet tagħha tal-istess data li permezz tiegħu laqgħet ir-rikors proviżorjament, tat lill-intimat tmient ijiem għar-risposta, u appuntat ir-rikors għas-smiegħ għall-10 ta' Jannar 2019;

Rat illi l-intimat gie notifikat fis-16 ta' Jannar 2019 u fit-23 ta' Jannar 2019 u li ma ppreżenta l-ebda risposta.

Rat l-atti tar-rikors u tal-mandat inklużi d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat:

Illi r-rikorrenti għażel li jitlob il-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni, li il-liġi tgħoddu bħala wieħed mill-atti kawtelatorji (Artiklu 830(1)(ħ) kodiċi ritwali); Illi l-ġurisprudenza tagħna identifikat tliet elementi li għandhom jirriżultaw lill-Qorti sabiex tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni:-

(1) l-intimat ikun qiegħed jagħmel xi ħaġa li tista' tkun ta' ħsara lir-rikorrent

(2) jkun jidher *prima facie* li r-rikorrent għandu d-dritt li jżomm lill-intimat li jagħmel dik il-ħaġa li biha jista' jagħmillu ħsara u

(3) l-mandat ikun neċessarju biex jigi konservat dak id-dritt tar-rikorrent (Artiklu 873(1) (2) kodiċi ritwali).

Illi r-rikorrenti issodisfa t-tlett elementi suċċitati;

Għal dawn il-motivi:

Tilqa' t-talba tar-rikorrent kif dedotta fir-rikors promutur tiegħu fir-rigward tal-proprjetà kif deskritta.

Spejjeż a karigu tal-intimat.

Mogħti kameralment fis-6 ta' Frar 2019.

Onor. Grazio Mercieca
Imhallef